MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 125/2006

**Pierre Vella Petroni (I.D. 289457 M) f`ismu personali u bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` K.N.K. Airconditioners Co. Ltd (C17462) u Alfred Spiteri Debarro (ID 569237 M)**

**Vs**

**J. D. Lifts Supplies Ltd**

Il-Qorti:

Rat l-avviz (rikors) in esami li bih l-atturi talbu sabiex is-socjeta` konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas l-ammont komplessiv ta` elfejn, hames mija u hamsin liri Maltin (Lm2,550.00) rappresentanti depozitu fuq il-prezz u l-istallazzjoni ta` *lift* f`block ta` appartamenti gewwa Triq l-Ilma, Swieqi, liema *lift* is-socjeta` konvenuta naqset li tikkonsenja u tpoggi fil-

lok, u dan oltre l-imghaxijiet legali u l-ispejjez ta` din il-procedura.

Rat ir-risposta ta` David Dimech nomine (fol. 11 u 12 tal-atti) u li biha espona bir-rispett:-

1. In linea preliminari, kemm ir-rikors odjern kif ukoll l-ittra ufficcjali precedenti ghalih intbaghtu erronjament u huma nulli u minghajr effett fil-ligi stante illi l-kuntratt relattiv kien intestat fl-ismijiet tal-intimat nomine (l-esponent odjern) minn naha l-wahda u minn naha l-ohra Alfred Spiteri Debarro personalment u Pierre Vella Petroni f`isem is-socjeta` K. N. K. Co Ltd u l-istess kuntratt gie iffirmat fit-12 ta` Novembru, 2004 mill-intimat nomine minn naha l-wahda u minn naha l-ohra unikament minn Alfred Spiteri Debarro.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu t-talba pretiza ghandha wkoll tigi respinta.

a. Peress illi mhuwiex assolutament minnhu illi l-intimat naqas milli jikkonsenja u jpoggi fil-lok il-lift in kwistjoni izda huma l-kontaenti l-ohra – esponenti fl-avviz odjern – li naqsu fil-kundizzjonijiet kuntrattwali versu l-intimat u cioe` li jsir il-pagament inizjali ta` 45% mill-prezz totali kontemporanjament mall-bidu tax-xoghol tal-istallazzjoni tal-lift fil-15 ta` Lulju, 2005;

b. Ghaliex huwa l-istess intimat nomine li huwa kreditur tal-esponenti u mhux vice versa u dana minhabba l-materjal illi diga` twahhal fil-post u x-xoghol illi huwa diga` ghamel fl-istess post fejn qieghed jigi istallat il-lift in kwistjoni u dana oltre l-prezz tal-apparat illi huwa ordna specifikament ghall-esponenti sabiex il-lift jigi stallat kif miftiehem;

c. Minhabba ragunijiet ohra li jirrizultaw fi stadju ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tan-nota responsiva tal-intimat kontra l-esponenti li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidrat

Illi fir-rigward l-ewwel (1) eccezzjoni gew prodotti s-segwenti provi;-

a) L-attur pro et nomine, Pierre Vella Petroni (fol. 17 et seq ibid) spjega illi l-ftehim imsemmi fl-avviz kien jinvolvi lilu stess u l-attur l-iehor, Alfred Steven Debarro u kien jinvolvi l-istallazzjoni ta` lift “da parti tas-socjeta` konvenuta relattivament ghal zewg appartamenti appartenenti lilhom rispettivament. In rigward in-negozjati, kien involut l-istess Alfred Spiteri Debarro u difatti kien intlahaw ftehim skond kif jidher mid-dokument esebit a fol. 21 et seq ibid.  Dwar dan il-ftehim, ix-xhud ma kienx iffirmah izda kien hu li hallas id-depozitu hemm muri ammontanti ghal Lm13.80.  Ir-raguni ta` dan kienet illi, kif diga` ssemma, n-negozjati kien mexxihom l-attur l-iehor u difatti l-ftehim kien gie ffirmat minn dan u minn rapprezentant tas-socjeta` konvenuta.  Dwar dan il-hlas, kienet “ … tigri warajja (l-istess socjeta` konvenuta) ghal pagament tad-depoziti”.

b)  A. fol. 21 ibid, kif diga` inghad hemm esebit il-ftehim imsemmi korrettament “quotation” ossija “Bill of Quantities”.  Minn dan jidher li l-isem tal-klijent kien Alfred Spiteri Debarro u Pierre Vella Petroni “f(or) / KNK Co. Ltd”.

c)  L-istess Alfred Spiteri Debarro (fol. 28 et seq ibid) ikkonferma x-xhieda kollha moghtija mill-attur pro et nomine.  Zied jghid ukoll illi l-ftehim kien gie ffirmat minnu u minn David Dimech f`isem is-socjeta` konvenuta izda “kont spjegajtilhom lis-socjeta` konvenuta illi l-lift in kwistjoni kien ser jinxtara minni u mis-Sur Petroni”.

d)  Dwar David Dimech (fol. 31 et seq ibid), dan ikkonferma li l-ftehim imsemmi kien gie ffirmat fit-12 ta`

Novembru, 2004 u mhux fit-8 ta` Novembru, 2004 kif hemm specifikat fuqu Dwar l-attur Pierre Vella Petroni, hu xehed li dan kellu johrog u jhallas parti mill-pagament. Difatti hu kien ikkommunika ma` dan dwar il-hlas tad-depozitu. Xorta wahda, dan ix-xhud, pero`, jsostni li Pierre Vella Petroni " … ma kienx parti mill-ftehim originali. Inoltre "… in rigward it-tieni pagament illi kellu jsir 'within sixty days', nikkonferma li dan sar mis-Sur Vella Petroni".

Ikkunsidrat.

Illi a bazi tal-premess, il-Qorti ma tistax tara kif tista`, b`xi mod takkolji l-ewwel eccezzjoni. Difatti jidher b`mod car illi Pierre Vella Petroni fil-kwalitajiet tieghu premessi ghandu interess ben legali kemm a bazi ta` fatt fil-ftehim imsemmi kif ukoll fit-talba in esami. Ghalhekk din l-eccezzjoni se tigi respinta sabiex tigi salvagwardjata l-integrita` tal-gudizzju f`dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni u tordna l-prosegwiment ta` dan il-kaz fuq il-mertu tieghu.

Bl-ispejjez riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------